Ir-Raba' Sena - **Kitba K5**

## Djalogu bejnek u bejn karattru ta' film

Darba minnhom, wara ġurnata xogħol, Mario kien għajjien mejjet. Għalhekk iddeċieda li jara l-programm favorit tiegħu, "Friends". F'daqqa waħda sema' vuċi tkellmu. Ħares madwaru sabiex jara jekk kienx hemm xi ħadd ħdejh. Imma ma sab lil ħadd, allura mar fil-kamra tal-banju biex jaħsel wiċċu. Xħin reġa' daħal fis-salott reġa' sema' vuċi tkellmu.

Chandler: Ħelow, kif aħna? Qed tismagħni?

Mario: Iva ta, min qed ikellimni?

Chandler: Jien hawn qiegħed, quddiemek.

Mario: Quddiemi televiżjoni biss hemm. Minn fejn qed tkellimni?

Chandler: Ilek tarani daż-żmien kollu m'intix tagħrafni? Chandler jien.

Mario: Kif qed tkellimni? Xi trid?

Chandler: Joey telaqni u għedt ħa ngħidu kelma bejn il-ħbieb. Hekk jew b'hekk ilek issegwini.

Mario: Qas irrid nemmen, vera nieħu gost narakom. Għandi ħafna mistoqsijiet xi nsaqsik, imma ma nafx minn fejn se nibda!

Chandler: Saqsi kemm trid, m'għandix x'nagħmel.

Mario: X'tagħmel bħala xogħol? Kif sejjer ma' Monica? U kif qed tħossok li se jkollkom it-tfal? U x'taħseb minn Janice?

Chandler: Imma kif ħadd ma jaf x'naħdem! Possibbli daqshekk diffiċli biex titgħallem x'nagħmel?

Mario: Mhux int dejjem tbiddel u ma tafx tagħti deskrizzjoni eżatta ta' xogħlok! Dejjem moħħok fiċ-ċajt.

Chandler: Mela ħa nħallik bil-kurżità ħalli tara l-episodji li jmiss u forsi tiskopri x'nagħmel. Ċaw.

Wara din il-konverżazzjoni Mario baqa' mbellah għax ma setax jemmen x'ġara. Allura reġa' beda jara l-episodji biex jiskopri x'jaħdem Chandler. Wara li reġa' beda s-serje mill-bidu, xorta waħda baqa' ma skopriex eżattament x'jaħdem u spiċċa raqad f'nofsu.

*Emanuel Zammit*

*Kelly Iles*

